# QALB MUĠUGĦA

Ix-xemx, hi u nieżla, tefgħet l-aħħar dija bejn il-frieghi u l-weraq ta' siġra tal-ħarrub fuq ras żewġ nisa li kienu f'għalqa taħt dik is-siġra. Waħda minn dawk l-irjus kienet tidher qiesha deheb ġo dik id-dija, u l-oħra, li kienet qastnija fejn id-dell tal-weraq waqa' fuqha, saret sewda tuta.

"Sabiħa ngħid! fiha darbtejn daqsek. X'darbtejn? fiha erbagħ darbiet daqsek għax int miskina ma fik xejn. Hi, Alla jbierek, qiesha ċappa laħam. Bajda ħalib! xuxitha ħamra. Mhux bħalna ħafna maħruqin suwed dlam. "Hecc qalet Vanġa li kellha xagħarha isfar u ma kienet sewda xejn lil Katarin li kienet samra b'xagħarha qastni.

Katarin fehmet u ħarset lejn ix-xemx biex ma tħarisx lejn il-kunjata. "Trid tgħid kemm ġebitlu ħwejjeġ magħha, sebagħ srajjem tal-mogħoż li ġabret mit-toroq ta' pajjiżha. Ajma ħej! qata' sandar Toni—Ħares l'hemm kunjat kemm jidher bogħod il-baħar il-lum u tgħid li l-fwieħa tiegħu tasal sa hawn fuq!"

Il-kunjata flok ħarset lejn il-baħar ħarset lejn Katarin u xħin rat li kellha wiċċha mqarras, b'nofs tbissima qaltilha:

"Huwa binti mhux il-ġid kollox" u b'hekk refgħet it-tarbija li kellha f'ħoġorha, ġabret in-nagħaġ u telqet. Katarin baqgħet hemm tgiddem difrejha; imbagħad meta l-kunjata tbegħdet xi żewġ għalieqi l-isfel minnha bdiet tgħanni:

Il-kunjata ġġieldet miegħi  
kemm għajritni ċaċċaruna  
Ċaċċaruna kont u għadni  
għax 'l binha jien ħadtulha".

Għanja li ma kienet xejn flokha għax Vanġa kienet tiġi l-mara ta' ħuha, imma Katarin ma setgħetx tiftakar waħda aħjar dak il-ħin u bħalli kieku ma reditx tħalliha b'xejn lill-kunjata. Imbagħad skantat. Iż-żiffa qalb il-weraq tal-ħarruba tatha qatgħa. Daret bis-sabta u ċartet qabda weraq biex tisvoga; hekk jew hekk riedet taqbad f'xagħar xi ħadd.

Ftit wara x-xemx għabet għal kollox, iż-żiffa raqdet, u bdiet nieżla l-kesħa. Katarin ħasset ruħha weħidha fid-dinja u bdiet tieħu ħniena minnha nfisha, u bħal ma jaf kullħadd l-akbar ħniena li tista' tagħfaslek qalbek hi dik li tħoss għalik in-nifsek.

Ħarset l-isfel fejn taħt il-għolja t-triq tal-belt kienet tidher bajda fit-tbexbix u bla nies għax kien nhar ta' Ħadd, u xtaqet

tinżel fiha u tiġi lejn il-belt. Min jaf xi jkunu jagħmlu bħal issa n-nies tal-belt?

U minn quddiem għajnejha għaddew dwal u ħxienet u nies ibiegħu u jgħajtu u nies jixtru u jgħaġġlu u ma jħarsu lejn ħadd u lejn xejn, u baħar mimli vapuri, toroq mudlama qieshom imsaqqfin......

Dak il-ħin semgħet merħla għaddejja minn wara l-ħajt tattrejqa, u Rożi ttawlitilha minn fuq il-ħajt—"Katarin, mela ser norqdu hawn?" U Katarin flok li marret tiġri għal għonq ittriq tal belt, ġabret il-mogħoż u telqet ma' Rożi.

Din il-biċċa triq dawn it-tnejn kienu kemm il-darba jagħmluha flimkien igħidu kelmtejn im'a l-lum Rożi ma reġgħet tgħid xejn għax beżgħet li d-diskors jiġi fuq Toni.

Kullħadd kien igħid li Toni kellu jieħu lil Katarin u minflok mela dak l-iblah ma jmurx jiżżewweġ—it-tieġ kien sar dak inhar stess—waħda xaqra, ħoxna daqs biltija, ola ħabba li ankas isimha ma kellha bħan-nies. Berta mnejn ħolquhula dan l-isem ta' Berta?

Imma Katarin ma kellhiex sabar u hekk jew hekk il-kliem waqa' hemm: "Taf Roż' qalet.—"Taf li l-qaddis ta' pajjiżha jismu San Bert-il-mewt"—u tregħdet donnha ħasset il-kesħa talmewt.—"Ħallina minn dan" weġ itha Rożi meta kienu fil-kantuniera "ngħiduha sewwa, min jieħu l-Toni ma jaqtâx sandar, għax Toni ġifa, biex igħanni biss jinqala.'—"U iva Roż, issa min ħadu ħadu" weġbitha l-oħra u b'hekk iż-żewġ xbejbiet infirdu.

Igħanni kien jaf Toni u kemm il-darba kien għanna:—

Katarin kemm int sabiħa
Katarin togħġobni wisq
Katarin dak fommok ħelu
Donnu l-ward meta jkun frisk.

Katarin ftakritha din il-għanja għażiża u aktar ħabtet issewwed qalbha. Imbagħad fl-aħjar igħaddi Toni ma' l-għarusa, hi bil-ġlekk tal-bellus ikħal bil-ganza safra f il-kmiem sal-minkeb. Issa Katarin minn dejjem kien jogħġobha l-bellus ikħal u ħasset li dik il-mara ma kellha l-ebda jedd tilbes hekk. Dak il-ħin Toni jew biex jagħmilha tal-ħelu jew għax ħass ruħu ferħan u ried juri x'kienet qegħda ġġarrab qalbu bl-imħabba, qabad id il għarusa u ressaqha lejn fommu b'għafsa kbira. Dik il ħmar ta' Katerin skantata lejhom tfixklet f'ġebla, waqgħet u għal ftit ma rifsithiex mogħża. Minflok li qamet u baqgħet sejra għal xogħolha kif kienet fl-art refgħet wiċċha kollu mistħija biex tara l-għarajjes kenux rawha u malli rathom iħarsu lejha donnhom qegħdin

jidħqu biha, bħal waħda ddisprata qabdet tigdem qiegħ idha b'saħħitha kollha sa kemm ħarġet id-demm.

Meta waslet il-għorfa kien dalam sewwa u ħuha ħabat ser igħajjat magħha talli damet imma dik mill-ewwel infexxet f'bikja u daqs kemm bdiet tibki u tolfoq bil-qalb ħuha ried bil-fors jaf x'kellha. Biex ma tħassbux urietu l-gidma ta' idejha u qaltlu li l-kelb kien gidimha u li ma kenitx tista' żżomm bl-uġigħ.

"X'kelb hu? dan?" staqsieha ħuha u dak il-ħin stess jiġbed daqqa ta' ponn kif imiss fuq geddum il-kelb li kien ħdejh. Issa dan il-kelb kien fidil ħafna u kien ukoll maħbub wisq minn Katarin u kif qala' dik id-daqqa kollha għall-ewwel storda, imbagħad meta għaddielu ħasibha ċajta u ħares lejn sidu biex donnu jgħidlu "Darb'oħra għidli, sieħeb!" iżda meta dak refa' siequ u waħħallu daqq'oħra fuq ġenbu, il-kelb bla nifs ħareġ jiġri l-barra u ma deherx iżjed.

Dik il-lejla waqt li kullħadd kien rieqed u kollox kien sieket Katarin deherlha li semgħetu jinbaħ fil-bogħod donnu jgħid "Ajma! Ajma!" u stħajlitu waħdu qalb ir-raba' qe'd imut,muġugħ bla ħtija. Ma felħitx iżjed bid-dwejjaq; qamet mil-friex u ħarġet barra bis-skiet, is-skiet, biex ma tqajjem il-ħadd.

Kienet lejla tal-kesħa u taħt il-qamar kwinta kull rokna talgħelieqi kienet tidher bħal f'jum tal-għarixa,u s-siġar kienu jixħtu dell iswed iswed,bħal tebgħa fuq il-ġebel. X'imkien fil-bogħod wara l-għolja l-baħar kien qe'd jogħla u jħabbat mal-blat: Min jaf x'kesħa u xi swied ta' qalb fuq dak il-blat fieragħ u abjad taħt ilqamar! Min jaf wasalx sa hemm dak il-kelb? min jaf mietx bħal issa?—U Katarin inxteħtet fuq il-għatba rasha l-ura mal-koxxa tal-bieb moħħa jredden, tistenna s-sebħ, għalkemm kien għadu ma għaddiex nofs il-lejl.

F'dak id-dawl ma kienx hemm x'tibża iżda meta fuq iċ-ċint ftit bogħod minnha lemħet bħal dell jiġri Katarin beżgħet u b'nifsha maqtugħ qabżet ġewwa kollha mregħda bil-bard u bilbiża', biex issakkar bl-istanga. Iżda kif kienet ser tagħlaq, miexi bil-mod, imgerrex imgerrex rat il-kelb......

Katarin ferħet bih sa besitu, imbagħad għalqet sewwa u marret torqod.

Ondina Tayar.